MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1686/2005

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta'l-assikurat taghha Simon Gatt Baldacchino, sija bil-polza u sia bil-Ligi, u l-istess Simon Gatt Baldacchino**

**vs**

**Pierre Parnis**

It-Tribunal

Ra l-Avviz prezentat fil-25 ta' Awissu 2005 li permezz tieghu l-atturi talbu hlas tas-somma ta' mitejn disgha u ghoxrin lira Maltija u tnax il-centezmu (Lm229.12) dovuta kwantu ghal Lm164.12 bhala spejjez ta' riparazzjoni, ta' parts u spejjez ohra relatati li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta attrici u kwantu ghal Lm65.00 bhala *excess* imhallas mill-attur, u ghal liema danni jahti unikament il-konvenut, minhabba imperizja traskuragni u nuqqas ta'

tharis tar-regoli tat-traffiku da parti ta' l-attur, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez inkluz dawk ta'l-ittra ufficjali tal-21 ta' Lulju 2004.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b'l-Avviz naqas li jidher u li jipprezenta risposta ghat-talbiet maghmula.

Ra l-atti u l-verbal ta'l-udjenza mizmuma fid-9 ta' Jannar 2006 meta l-kawza giet differita ghal decizjoni dwar l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal liema kwistjoni giet sollevata mill-istess Tribunal.

Ikkunsidra

Mill-atti jirrizulta li din hija kawza ghad-danni sofferti mill-atturi bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku. Jirrizulta wkoll li l-Avviz promotorju gie prezentat fil-25 ta' Awissu 2005.

Mill-atti jirrizulta ukoll li l-konvenut ma deherx biex jikkontesta t-talba u ma qajjem l-ebda l-ebda eccezzjoni. Fil-fatt kien it-Tribunal li ssolleva l-inkompetenza tieghu biex jisma u jiddecidi dan il-kaz. Dan, it-Tribunal, ghamlu b'applikazzjoni tal-paragrafu (b) ta'l-artikolu 774 tal-Kap 12 tal-Ligijet ta' Malta. Dan il-provvediment ma jaghtix dritt, imma jimponi dover fuq it-Tribunal li jqajjem ex officio l-inkompetenza tieghu *minhabba ix-xorta jew il-valur tal-haga li tkun fil-kwistjoni*.

Is-Subartikolu 11 ta' l-artikolu 15 tal-Kap 387 tal-Ligijet ta' Malta jipprovdi li *…il-klassijiet ta' tilwimiet imemmija fir-Raba Skeda huma soggetti ghal arbitragg mandatarju u f'dawk il-kazijiet il-partijet ghandhom jitqiesu li jkunu marbutin bi ftehiem ta' arbitragg relatat ma' dawk it-tilwimiet.* Ir-Raba Skeda mbaghad telenka bhala wahda mill-klassijiet ta' tilwimiet li ghandhom jigu determinati b'artitragg dawk *dwar it-traffiku ta' vetturi bil-mutur.* U dawn jinkludu dawk it-tilwmiet li joriginaw minn *kollizjoni bejn vetturi, jew hsara nvolontarja fil-propjeta li tinvolvi vetturi…* (ref Taqsima A artikolu 1.2).

Permezz ta’l-Avviz Legali 279 tas-sena 2005 gie stabbilit li l-valur tat-tilwimiet li ghalihom kienet qed issir referenza kien dawk li ma jeccediex il-hamest elef lira (Lm5000); dan ir-regolamant dahal fis-sehh b’effett mill-1 ta’ Awissu tas-sena 2005. Ghalhekk b’effett minn din l-imsemmija data, l-1 ta’Awissu 2005, kull tilwiema li torigina minn kollizjoni bejn vetturi, jew hsara nvolontarja fil-propjeta li tinvolvi vetturi ghandha tigi determinata permezz ta’ arbitragg.

Konsegwentement ai termini tal-Kap 387 u l-Avviz Legali 279 fuq imsemmija, u peress illi din il-kawza hija wahda ghad-danni rizultanti minn incident awtomobilistiku, din it-tilwiema ghandha tigi determinata permezz ta’ arbitragg.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddikjara li din il-kawza mhiex ta’ kompetenza tieghu u konsegwentement jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri taghha u jordna l-kancellament taghha minn fuq il-lista. Spejjez a karigu ta’ l-atturi

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------